

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Sekwestru Tat-tfal Mill-ġenituri](#) > [Romania](#)

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Skont l-Artikolu 30(1)(c) tal-Liġi Nru 248/2005 dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini Rumani barra minn pajjiżhom, minuri li jkun detentur ta' dokument tal-ivvjaġġar individwali jew, fejn xieraq, karta tal-identità (karta tal-identità sempliċi jew karta tal-identità elettronika) u li jkun qiegħed jivvjaġġa barra minn pajjiżu flimkien ma' wieħed mill-ġenituri jista' joħroġ mir-Rumanija mingħajr ma tkun meħtieġa d-dikjarazzjoni ta' kunsens tal-ġenitur l-ieħor, dment li l-ġenitur li jkun qiegħed jakkumpanja lill-wild jagħti prova li l-wild ġie fdat lilu b'sentenza tal-qorti finali u irrevokabbli jew li l-ġenitur jeżerċita l-awtorità esklużiva tal-ġenitur b'sentenza tal-qorti finali u/jew irrevokabbli, għall-kawżi li nbdew mill-15 ta' Frar 2013 'il quddiem.

Dikjarazzjoni ta' kunsens ukoll ma tkunx meħtieġa jekk il-ġenitur l-ieħor ikun ġie mċaħħad mid-drittijiet tiegħu ta' ġenitur jew, skont il-każ, ikun ġie ddikjarat nieqes f'konformità mal-liġi, jekk il-ġenitur li jkun qiegħed jakkumpanja lill-wild jagħti prova f'dan ir-rigward.

Bl-istess mod, skont l-Artikolu 30(6)(1) tal-Liġi Nru 248/2005, id-dikjarazzjoni ta' kunsens mill-ġenitur l-ieħor, miż-żewġ ġenituri jew, skont il-każ, mill-ġenitur li jkun fdat bil-minuri, mill-ġenitur li jeżerċita l-awtorità esklużiva tal-ġenituri, mill-ġenitur li jkun għadu ħaj jew mir-rappreżentant legali tiegħu, biex il-wild joħroġ mir-Rumanija ma tkunx meħtieġa jekk il-minuri Rumani ikun domiċiljat jew residenti fil-pajjiż ta' destinazzjoni hemmhekk akkumpanjat, kif definit bil-Liġi Nru 248/2005.

Il-pulizija tal-fruntieri jippermettu lill-minuri akkumpanjati li joħroġu mir-Rumanija jekk il-ġenitur li jkun qiegħed jakkumpanjahom jiġġustifika l-bżonn ta' vjaġġar barra l-pajjiż bil-fatt li l-wild minuri se jirċievi trattament mediku li mhuwiex disponibbli fir-Rumanija, li fin-nuqqas tiegħu, ħajjet jew saħħet il-minuri tkun ipperikolata serjament, dment li l-ġenitur jippreżenta evidenza f'dan ir-rigward, li tkun nħarġet jew ġiet approvata mill-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa Rumani u li fiha jkun iddikjarat il-perjodu ta' żmien li matulu jkun se jingħata dak it-trattament mediku kif ukoll l-istat(i) li fih se jsir, anki jekk il-kunsens ma jkunx ingħata miż-żewġ ġenituri, mill-ġenitur l-ieħor, mill-ġenitur li jkun għadu ħaj jew mir-rappreżentant legali. Bl-istess mod, il-pulizija tal-fruntieri jippermettu lill-minuri akkumpanjati li joħroġu mir-Rumanija jekk il-ġenitur li jkun qiegħed jakkumpanjahom jagħti prova li l-wild minuri qiegħed jivvjaġġa għal studji jew kompetizzjonijiet uffiċjali billi jippreżenta d-dokumenti xierqa li jindikaw il-perjodu ta' żmien li matulu se jsiru dawk l-istudji jew kompetizzjonijiet kif ukoll l-istat(i) li fih(om) se jsiru, anki jekk ġenitur wieħed ikun ta l-kunsens tiegħu.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Huwa meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor sabiex wild ikun trasferit lejn Stat Membru ieħor, meta l-awtorità tal-ġenituri tkun eżerċitata miż-żewġ ġenituri b'mod konġunt.

Għaldaqstant, il-ġenituri jeżerċitaw l-awtorità tal-ġenituri b'mod konġunt u uguali, irrispettivament minn jekk il-minuri jkunx twieled fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ (l-Artikolu 503(1) tal-Kodiċi Ċivili).

Fil-każ ta' xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju, il-ġenituri jkollhom awtorità tal-ġenituri konġunta, sakemm il-qorti ma tiddeċidix mod ieħor. Jekk ikun hemm raġunijiet validi u b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-wild, il-qorti tista' tiddeċiedi li l-awtorità tal-ġenituri għandha tkun eżerċitata biss minn wieħed mill-ġenituri (l-Artikoli 397 u 398 (1) tal-Kodiċi Ċivili).

F'konformità mal-Artikolu 30(1)(b) tal-Liġi Nru 248/2005, sabiex jieħu minuri Rumen barra mill-pajjiż, il-ġenitur li jkun qiegħed jakkumpanjah irid jippreżenta, lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-fruntieri, dikjarazzjoni ta' kunsens tal-ġenitur l-ieħor biex il-minuri jivvjaġġa barra mill-pajjiż, għall-perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin mid-data minn meta tkun tfasslet.

Id-dikjarazzjoni trid tiġi awtentikata minn nutar pubbliku fir-Rumanija, u mir-rappreżentanzi diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari jekk barra r-Rumanija. Alternattivament, jekk tkun ġiet ippreżentata lil awtoritajiet barranin, id-dikjarazzjoni trid tissodisfa l-kundizzjonijiet għal-legalizzazzjoni skont il-liġi jew ikollha fuqha l-apostille f'konformità mal-Konvenzjoni li tabolixxi r-rekwiżit ta' legalizzazzjoni għad-dokumenti pubbliċi barranin, adottata fl-Aja fil-5 ta' Ottubru 1961, bl-eċċezzjoni ta' dawk li joriġinaw minn Stat li miegħu r-Rumanija kkonkludiet trattati, konvenzjonijiet jew ftehimiet relatati mal-assistenza legali, fi kwistjoni ċivili jew familjari, li jipprevedu eżenzjoni mill-awtentifikazzjoni. Id-dikjarazzjoni trid tinħareġ lill-partijiet f'żewġ kopji, waħda minnhom għandha tinżamm mill-persuna li tkun qiegħda takkumpanja u l-oħra għandha takkumpanja l-passaport tal-minuri.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti b'mod legali lejn Stat ieħor?

Kull meta jkun hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom jew il-qadi ta' dmirijiethom bħala ġenituri, il-qorti tal-familja għandha tiegħu deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-wild, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u kkunsidrat il-konklużjonijiet tar-rapport dwar l-investigazzjoni psikosoċjali (l-Artikolu 486 tal-Kodiċi Ċivili). Għaldaqstant, il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għall-ivvjaġġar barra l-pajjiż tal-wild jista' jiġi sostitwit bis-sentenza tal-qorti.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdil-formoli ta' kunsens rilevanti.

Il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor ikun meħtieġ jekk l-għan tal-ivvjaġġar barra mill-pajjiż mal-wild jkun li jibdel il-post tar-residenza tal-wild, sakemm il-ġenitur li jixtieq jgħix f'pajjiż ieħor ma jeżerċitax l-awtorità esklużiva tal-ġenituri.

Għalhekk, il-Kodiċi Ċivili jipprovdil li, jekk l-eżerċizzju tal-awtorità jew id-drittijiet tal-ġenituri jiġu affettwati, il-bidla fir-residenza tal-wild, flimkien mal-ġenitur li jgħix miegħu, tista' ssejtni biss bil-kunsens minn qabel tal-ġenitur l-ieħor. Il-qorti tal-familja għandha tiegħu deċiżjoni jekk ikun hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri (l-Artikolu 497 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-Liġi Nru 248/2005 ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn moviment temporanju u moviment permanenti barra mill-pajjiż.

F'konformità mal-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 94/2006 li tapprova r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Liġi Nru 248/2005, il-mudell tad-dikjarazzjonijiet meħtieġa għat-tluq tal-minuri mill-pajjiż għandu jiġi stabbilit permezz ta' dispożizzjoni tal-Ispettur Ġenerali tal-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija tal-Fruntiera.

It-test tal-Liġi Nru 248/2005 jinsab [hawnhekk](#).

Fajls rilevanti

Mudell tal-Formola ta' Dikjarazzjoni għall-Kunsens tal-Ġenituri għall-Ħruġ Barra mill-Pajjiż ta' Wild Minuri
Akkumpanjat mill-Ġenitur l-lehor.  (100 Kb) 

Mudell tal-Formola ta' Dikjarazzjoni għall-Kunsens tal-Ġenituri għall-Ħruġ Barra mill-Pajjiż ta' Wild Minuri
Akkumpanjat minn Adult lehor.  (194 Kb) 

 L-aħħar aġġornament: 14/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.